MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 4/2008

Judy Batchelor

vs

John u Lilian Cremona

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-28 ta’ Jannar 2008, li jaqra hekk :-

‘Ghidu intom konvenuti l-ghaliex prevja okkorrendo id-dikjarazzjoni illi l-vettura Suzuki Jeep CAA-878 illi intom bieghtu lill-attrici kienet tbati minn difetti mohbija ta’ tant gravita’ illi jiggustifikaw li l-atturi jxolju l-istess bejgh ; u wkoll id-dikjarazzjoni illi l-istess vettura ma kienitx tal-kwalita’ pattwita, ghaliex inbieghet bhala *four wheel drive* mentri fil-fatt ma kinitx *four wheel drive*, tigu kkundannati ixxolju l-istess bejgh u tirrifondu lill-attrici s-somma ta’ disa’ mitt lira maltija (Lm900) ekwivalenti ghal elfejn u sitta u disghin Euro u erbgha u erbghin euro centezmi

(€2096.44) illi hija hallsitkom fuq l-okkazjoni tal-bejgh tal-istess vettura; bl-interessi fuq din is-somma sad-data tal-effettiv pagament ;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Ottubru 2007, kontra taghkom ;

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa intom imharrkin.' ;

Il-konvenuti permezz tar-risposta taghhom ipprezentata fl-4 ta' April 2008, eccepew :-

'1. Il-konfuzjoni taz-zewg azzjonijiet separati u distinti minn xulxin, u cioe' l-azzjoni redhibitoria mal-azzjoni ta' xoljiment ta' bejgh minhabba li l-oggett mhuwiex tal-kwalita' pattwita ;

2. Jekk l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq difett mohbi, tapplika l-preskrizzjoni ta' sitt xhur ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

3. Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghal premess il-vettura nbieghet bhala *second hand*, kienet ta' kwalita' pattwita, u *road worthy*, u giet accettata mir-rikorrenti ;

4. Salv risposti ohra fid-dritt u fil-fatt ;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija mharrka.' ;

Illi permezz ta' risposta ohra pprezentata fid-9 ta' Gunju 2009, il-konvenuti eccepew ulterjorment :

'1. In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal li jiddeciedi dan il-meritu *stante* li din il-kwistjoni mhijiex talba ta' flus kif definita fl-artikolu 3(1) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, imma tinvolvi kwistjoni li taqa' barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal – Artikolu 7(2)(a) tal-istess Att ;

2. Illi wkoll l-esponenti m'humiex il-legittimi kontraditturi *stante* li l-ftehim li sar ma sarx maghhom kif jista' jigi facilment ippruvat.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti tar-risposta taghhom tal-4 ta' April 2008, u dwar l-eccezzjoni ulterjuri taghhom dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ;

Ikkunsidra :

Illi minn semplici daqqa t'ghajn lejn il-mod kif inhu mfassal l-avviz tat-talba, jidher li l-azzjoni attrici timmira li tholl il-ftehim tal-bejgh li sar bejn l-attrici u l-konvenuti, u li titlob il-hlas lura tas-somma mhallsa. Dan hi qed titolbu fuq zewg premessi ewlenin li wahda titkellem dwar vizzju mnissel minn difett mohbi fl-oggett mibjugh u l-ohra titkellem dwar nuqqas tal-kwalita' pattwita tal-oggett mibjugh. Minghajr ma wiehed jidhol fil-mertu tat-talba attrici, huwa car li l-attrici qeghda, f'azzjoni wahda, tikkontempla l-azzjoni tal-garanzija minhabba difett mistur ma' l-azzjoni tal-inadempiment kontrattwali billi skond hi, l-haga kkonsenjata lilha ma kenitx tal-kwalita' miftiehma. L-azzjoni redhibitoria jew aestimatoria taghti garanzija lix-xerrej ghal difett latenti jew mohbi ezistenti fil-mument tal-bejgh fl-oggett mertu tal-bejgh u xiri, mentri min-naha l-ohra l-azzjoni abbazi tal-artikolu 1390 tal-Kodici Civili titratta dwar il-fatt li l-oggett mertu tal-bejgh ma jkunx skond kif miftiehem jew pattwit, li ovvjament ma jimportax u ma jfissirx li tali oggett ikun fih xi difett ;

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti tirrigwarda proprju dan l-aspett ta' konfuzjoni bejn kawzali u ohra. Il-punt krucjali li jrid ghalhekk jigi ezaminat huwa jekk dan johloqx pregudizzju lill-konvenuti biex jiddefendu rwiehhom kif jixraq minn dak li qeghdin jixluhom bih l-atturi. Illi bhala principju generali n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-

proceduri [Appell Civili, **Joseph Tabone vs Joseph Flavia sive De Flavia**, 07/03/1958, Kollez. Vol. LII.i.87] . B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista' tigi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet [Prim'Awla, **Frances Falzon vs Gaetano Spiteri**, 24/06/1961, Kollez. XLV.ii.696]. Illi, ghalhekk, il-kawza m'ghandhiex tigi mwaqqa' ghajr ghal ragunijiet gravi [Appell, **Merola vs Caruso**, 20/02/1935, Kollez. Vol. XXIX.i.106] ;

Issa xieraq li wiehed jara jekk b'din il-konfuzjoni li dwarha qed jilmentaw il-konvenuti tinholoqx nullita' fejn zewg kawzali guridikament distinti jitressqu f'azzjoni wahda. Huwa ormai principju stabilit li meta l-haga mibjugha ma tkunx dik tal-kwalita' miftehma, wiehed ma jistax jitkellem dwar vizzju redibitorju, imma ta' kaz ta' nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt li m'ghandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji (Appell Civili, **Lorenzo Buttigieg vs Henry Hirst noe**, 16/02/1945, Kollez. Vol.XXXII.i.163), u Appell Civili, **George Portelli vs Vittoria Grima**, 27/05/1957, Kollez. Vol.XLI.i.341). Iz-zewg azzjonijiet ma joqoghdux flimkien, u dan sewwasew minhabba l-kawzali inerenti ghal kull wahda minnhom, u kif ukoll ghar-rimedji partikolari moghtija lix-xerrej taht kull wahda. Inghad li '*ma jistax ikun gudizzjarjament korrett li atturi jibbazaw l-azzjoni taghhom fl-istess hin kemm fuq l-artikolu 1424 u wkoll fuq l-artikolu 1390 tal-Kap.16, u dan stante li l-istess azzjonijiet jittrattaw zewg tipi ta' azzjonijiet ben differenti u distinti minn xulxin, u liema azzjonijiet ma humiex konfondibbli. Illi fil-fatt l-azzjoni redhibitoria jew aestimatoria taghti garanzija lix-xerrej ghal difett latenti jew mohbi ezistenti fil-mument tal-bejgh fl-oggett mertu tal-bejgh u xiri, mentri min-naha l-ohra l-azzjoni abbazi tal-artikolu 1390 titratta dwar il-fatt li l-oggett mertu tal-bejgh ma jkunx skond kif miftiehem jew pattwit, li ovvjament ma jimportax u ma jfissirx li tali oggett ikun fih xi difett*.' [Prim'Awla, **Rueben Briffa et vs Joseph Mallia et**, 28 ta' Frar 2002] ;

Minkejja din l-eccezzjoni tal-konvenuti, l-attrici ghazlet li tibqa' ssostni z-zewg kawzali dwar l-istess talba taghha, minghajr ma llimitat il-kwistjoni ghal kawzali wahda jew l-ohra. Illi fil-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal il-fatt li l-attrici baqghet tikkonfondi z-zewg azzjonijiet flimkien sal-ahhar johloq pregudizzju serju lill-konvenuti li jiddefendu rwiehhom kif jixraq minn dak li qeghdha tixlihom bih l-attrici tali li jinkwadra ruhhu sewwasew fl-ghamla ta' pregudizzju gravi msemmi fis-subartikolu (1)(c) tal-789 tal-Kap.12 [Prim'Awla, **Angelo Fenech et vs Pawlu Grech**, 24/09/2001, li kienet tittratta kwistjoni identika ghal dik hawn kunsidrata] ;

Oltre din l-eccezzjoni, hemm pero' wkoll l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal minhabba t-talba tal-attur kif formulata billi din ma tinkwadrax ruhha taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 3(2) tal-Kap.380. It-talba ghalkemm hija mahsuba biex tirkupra somma determinata, u minnha nfisha fil-kompetenza tat-Tribunal, ma tistax titqies izolata mill-obbligazzjonijiet reciproci tal-kuntratt intervenut bejn il-partijiet tal-bejgh. Bla dubbju d-dikjarazzjoni li dan it-Tribunal qed jintalab mill-attrici li jippronuncja ruhhu dwarha li l-konvenuti bieghulha vettura li kien fiha difetti mohbija ta' tant gravita' illi jiggustifika li l-attrici xxolji l-istess bejgh, u wkoll dwar id-dikjarazzjoni l-ohra li l-istess vettura ma kienitx tal-kwalita' pattwita, u biex dan it-Tribunal jikkundanna x-xoljiment tal-istess bejgh, jinnecessita' per forza li dan it-Tribunal jinvolvi ruhu fin-negozju fl-intier tieghu li sar bejn il-partijiet u jinvestiga wkoll il-kwistjoni fit-termini tal-obbligazzjoni kontrattwali, u dan igib li din l-indagini hekk mitluba u sostnuta mill-attrici tezorbita mill-isfera ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal [Appell Inferjuri, **Peter Muscat vs Tasika Auto Limited**, 16/09/2004]. Anke' jekk ghall-grazzja tal-argument, tali eccezzjoni ma saritx mill-konvenuti, din kienet sollevabbli mit-Tribunal *ex officio* ;

Iz-zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti hawn kunsidrati huma gustifikati, u ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija jimmeritaw ghalhekk li jigu milqugha ;

Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' l-istess eccezzjonijiet tal-konvenuti, u jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ;

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati nterament mill-attrici, hlief ghan-noti ta' sottomissjonijiet li ghandhom jigu sopportati mill-partijiet rispettivament stante li ma kien hemm ebda htiega li jsiru dawn in-noti u kienet tibbasta biss nota qasira b'riferenzi ghas-sentenzi li gew citati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------